Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2005

Numru 274/2003

**Il-Pulizija
(Supt. A. Mamo)**

**Vs**

**John Vella ta' 57 sena, bin il-mejjet Salvu u Filomena Catania, imwieled il-Mosta fl-14.4.45 u residenti "Ta' Randa Farmhouse", Zebbiegh Rd, Mgarr. Detentur ta' l-Identita` 379845(M)**

**<u>Illum 13 ta' Ottubru, 2005</u>**

Il-Qorti.

Rat l-akkuzi migjuba kontra John Vella u cioe talli f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar xhur, u cioe` fit-8 ta' Jannar 2003, u/jew fil-jiem ta' qabel u wara din id-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess

disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

a. sabiex jikseb vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi document mahsub ghal xi awtorita` publika, xjentament ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taha taghrif falz, bi ksur ta' l-Artikolu 188 Kap 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

b. bil-qerq hloqt jew geghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l-quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, u cioe` kontra Dr Carmel Chircop LL.D., bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat, dan bi ksur ta' l-Artikolu 110 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. iddenununzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proveduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar, bi ksur ta' l-Artikolu 110 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. bil-hsieb li jaghmel hsara lil xi persuna u cioe` lil Dr Carmel Chircop LL.D., akkuzah quddiem awtorita` kompetenti b'reat, filwaq li kien jaf li dik il-persuna, cioe` Dr Carmel Chircop LL.D, huwa innocenti, bi ksur ta' l-Artikolu 101 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-akkuzat wiegeb li ma kienx hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat l-artikoli kif mibghuta mill-Avukat Generali u cioe`:

18, 188, 110, 101, 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tal-hamsa ta' Ottubru fejn l-akkuzat ta il-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji n kwatu dan, moqrija l-istess artikoli qatt ma gie registrat fil-prima nota. Fl-istess verbal huwa rregistra n-nuqqas ta' bzonn li jergghu jingabru l-provi gia komplati.

Rat il-provi prodotti.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat:

Illi din il-kawza giet intavolata wara rapport li sar mill-istess akkuzat ma l-ufficjali tal-Pulizija, fejn l-istess akkuzat kien intavola rapport fejn allega illi Dr. Carmel Chircop kien presenta f'kawza li kien hemm pendenti fil-Qorti Civili bejn l-imsemmija, document li fuqu kien hemm il-firma ffalsifikata tar-rapportant cioe` ta' Vella (Vide Dok AM a fol.26).

Kien ghalhekk li l-Ufficjal Prosekutur baghat ghall-istess John Vella u wara l-insistenza ta' dana fuq ir-rapport ntalab u taha kampjuni tal-firma tieghu. L-istess kampjuni gew mghoddija mill-Ufficjal Prosekutur lil Dr. Abela Medici li rrilaxxa r-rapport tieghu dwar l-istess, esebit dan ir-rapport bhala Dok AM3.

Kien a bazi ta' din il-konkluzjoni ta' Dr. Abela Medici li l-pulizija mexxiet jew ahjar istitwit dawn il-proceduri in dizamina.

Zewg punti ghandhom jigu relevati inkwantu l-konkluzjonijiet li wasal ghalihom Dr. Abela Medici:

- kif irrimarka l-istess l-ezami kompaattiv li sar, sar kontra fotokopja dan ghaliex l-akkuzat meta ntavola ir-rapport tieghu mal-pulizija, ssosstanza l-istess rapport billi ppresenta foto kopja tad-dokument li allegatament kellu l-firma tieghu ffalsifikata.

- punt iehor aktar saljanti huwa l-fatt li Dr. Abela Medici ma kienx fil-kaz odjern l-espert indipendenti mqabbad mill-Qorti biex jaghmel l-ezami komparattiv.

Ikkonsidrat:

Illi huwa anke opportun illi jigi sottolineat illi Dr. Carmel Chircop LL.D. xehed illi huwa kien dahal f'konvenju biex jixtri propjeta (binja) u art maghha ma l-akkuzat. Kien

meta ltaqghu illi huwa skopra illi parti mill-art adjacenti ghal binja, ma kienetx verament ta’ John Vella, pero kienet tappartjeni lill-Gvern ta’ Malta.

Fil-fatt minhabba d-diffikultajiet kollha emergenti biex jsir dan it-trasferiment, Dr. Chircop spicca li kellu jistitwixxi kawza kontra John Vella biex jeseggwixi l-konvenju u tigi trasferita lilu din il-propjeta li kienet tappartjeni verament lil John Vella. Kienet fil-mori ta’ din il-kawza illi huwa esebixxa d-dokument, fl-original tieghu li kopja tieghu giet esebita bhala Dok AM fil-process.

Dr. Chircop xehed illi dan id-dokument gie ghandu direttament minghand l-akkuzat u li fil-fehma ta’ Dr. Chircop kien taghulu bi zball meta kien qed jghaddilu xi karti ohra relatati mal-problemi li nqalghu ma dan it-trasferiment.

Is-Sur Mamo d-Direttur ta’ l-Artijiet ukoll ikkonferma illi Vella kien zviluppa art tieghu u ohra adjacenti li kienet moghtija lilu b’titolu ta’ qbiela mill-Gvern in solidum ma bdiewa ohra. Tant li fuq din l-art huwa kellu permess tal-MEPA u sahansitra kien juzaha bhala sala tat-tigijiet. Senjalament jixhed illi mill-file relatat ma l-art in kwistjoni ma kienx jirrizulta illi l-ittra (fotokopja) esebita qatt waslet ghandu fl-original taghha. Kellu biss fotokopja ta’ l-istess annessa ma ittra mibghuta mill-Avukat ta’ Vella, neganti l-firma fuq l-istess ittra (vide red 310 a fol. 76, 77).

Diversi xhieda ohra xehdu illi John Vella kien in kwantu kienu wkoll jappartjenu qbiela mieghu in solidum, fuq l-art tal-Gvern,  mar jzurhom biex jakkwista minghandhom, jew ahjar jipperswadihom jiffirmaw biex ir-raba in kwistjoni jinqaleb fuq Dr. C. Chircop.

L-akkuzat fi stadju ta’ l-investigazzjoni ukoll irrilaxxa stqarrija, Dok AM2 a fol. 31.

Fl-istess huwa baqa jinsisti illi l-firma fuq id-dokument AM kienet tixbah lil tieghu pero li hu qatt ma kien iffirma dak id-dokument li jgib id-data 2 ta’ Jannar, 2000. Kompla jghid ukoll li hu qatt ma ffirma dak id-dokument, lanqas

applika mad-Direttur ta' l-Artijiet, lanqas gieghel lil min jiffirmalu.

Senjelatament jghid ukoll li hu qatt ma ghadda kopja ta' dak id-dokument li gie presentat mill-Avukat Dr. Carmel Chircop fil-kawza fl-ismijiet Carmel Chircop vs John Vella et, lil pulizija. (Emfazi tal-Qorti). (a fol. 31).

Izid fl-istqarrija tieghu l-akkuzat il-kliem:

"Jiena ghamilt dan ir-rapport ghax jidhirli li dan id-dokument ma ffirmajtux jiena u nixtieq niehu passi kontra Dr. Chircop LL.D" (a fol. 31 Dok AM2).

Jigi relevant ukoll illi Albert Portelli (assistent registratur) esebixxa il-process tal-Qorti Civili Prim Awla fl-ismijiet Carmel Chircop et vs John Vella et Att Nru 231/2000 GV. Mill-istess atti jidher illi l-attur Dr. C. Chircop esebixxa set dokumenti Dok 1 sa Dok 5. Dok 4 huwa l-original tal-ittra li l-firma taghha hija in kontestazzjoni u li fuqha gie ntavolat r-rapport ta' Vella.

L-istess dokument Dok 4 igib l-folio numru 99 fl-atti tal-kawza. L-istess gie sfoljat mill-kawza civili (illum deciza u nserit fl-atti tal-kawza in dezamina precizament wara il-folio 99 tal-atti tal-kawza kriminali).

Illi darba li l-Qorti kellha issa f'idejha l-original tad-dokument gie mahtur l-espert Martin Bajada biex jaghmel ezami komparattiv tal-firma kif tidher fl-original, mal-firma ta' l-istess akkuzat u fuq talba tad-difiza ma dik ta' Dr. Carmel Chircop.

Illi Martin Bajada, l-espert imqabbad mill-Qorti kkonkluda illi hu ma seta jsib ebda karatteristika fil-firma ta' Dr. Carmel Chircop li hija simili jew timmanifesta ruhha fuq Dok 4.

Minn naha l-ohra kkonkluda illi fil-konfront tal-kampjuni tal-firma ta' John Vella meta mqabbla ma firma allegatament ta' John Vella fuq Dok 4, jirrizulta illi l-bixra, l-forma, x-

xaqliba u t-tifsila huma identici kif ukoll huma l-pressure points bejn dawn il-firem. (a fol. 168).

Ghalhekk ikkonkluda illi l-firma fuq Dok 4 hija maghmula mill-istess id li tat il-kampjuni tal-firma esebita Dok MB1 sa Dok MB17.

Dawn il-kampjuni ta’ firem gew minn John Vella l-akkuzat.

Ikkonsidrat:

Illi John Vella gie akkuzat bis-segwenti reati:

L-ewwel huwa dak li nsibu fl-artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-elementi ta’ dan ir-reat huma:-

- li persuna biex tikseb xi vantaggjew beneficcju ghaliha nnifisha jew haddiehor

- bl-uzu ta’ document mahsub ghal xi awtorita pubblika.

- xjentament taghmel (f’dan id-dokument) dikjarazzjoni jew stqarrija falza.

Illi certament John Vella mibghut dak id-dokument ghand id-Direttur ta’ l-Artijiet, u kieku bl-istess irnexxielu jikseb b’xiri l-art in kwistjoni, kien zgur jikseb vantagg jew beneficcju ghalih.

Illi pero ghalkemm dan id-dokument kien indirizzat lid-Direttur ta’ l-Artijiet, dan fl-original tieghu, certament qatt ma wasal ghand awtorita pubblika kif xehed Mr. Mamo u jekk fil-fatt kienx intiz biex jigi hekk uzat ghalkemm huwa presumibbli pero dan certament mhux pruvat sal-grad ta’ prova rikjest

Oltre hekk lanqas gie ufficjalment pruvat jekk dak mistqarr fid-dokument hux dikjarazzjoni, taghrif jew stqarrija falza.

Hija l-fehma ta' din il-Qorti ghalhekk li John Vella mhux hati tal-akkuzi addebitati lilu taht l-artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Artikolu 110 jitkellem dwar kull min bil-qerq johloq jew jgieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex l-istess jkunu jistghu jiswew bi provi 'l-quddiem kontra persuna ohra, bil-hsieb li din il-persuna tkun tista tigi akkuzata.

- Issa huwa pacifiku li John Vella ghamel ir-rapport li ghamel.

- Huwa daqstant pacifiku u rizultat ta' l-espert Martin Bajada dwar min iffirma id-dokument immarakat bhala Dok 4.

- Huwa daqstant pacifiku ghal din il-Qorti illi d-dokument illi presenta John Vella lill-pulizija huwa fotokopja tad-dokument li ezamina l-espert Martin Bajada issa fl-original tieghu.

- Huwa anke pacifiku li John Vella ried li jittiehdu passi kontra Dr. Carmel Chircop meta ghamel ir-rapport tieghu. Dana l-fatt johrog car mill-istqarrija tieghu.

It-tieni subinciz ta' l-artikolu 110(2) titkellem dwar kull minn jiddenunzja lill-Pulizija esekuttiva reat li jaf li ma sarx. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi Dr. Carmel Chircop zgur li ma presentax lill-Qorti tal-Prim' Awla Civili, dokument li fih kien hemm firma ffalsifikata ta' John Vella. Wisq anqas kif donnu ntefa dell li seta ffalsifika l-firma hu. Huwa fatt pruvat li Vella ghamel din it-tip ta' denunzja

Ikkonsidrat:

Illi d-difiza fit-trattazzjoni taghha ssollevat illi f'din il-kawza ma kienx hemm prova ammissibbli biex jigi pruvat ir-reat

appena ezaminat. Fil-fehma tad-difiza dana kien rizultat tal-fatt illi id-dokument promotur ta' din il-kawza huwa fotokopja.

Li dokument promotur ta' din il-kawza huwa fotokpja huwa pacifiku. Li fotokopja ta' dokument certament mhux l-ahjar prova zgur mhux punt ta' kontradizzjoni. Illi pero u hawn il-Qorti ma taqbilx mad-difiza dan id-dokument per se huwa mportanti biss in kwantu kien hu li beda l-investigazzjonijiet tal-pulizija. Il-vera prova ta' dak li allega l-akkuzat temina mill-original aktar tard prodott fl-atti tal-kawza.

Biex jigi kostitwit ir-reat in dezamina bizzejjed li jkun hemm denunzja ta' reat li ma sarx, anzi li wiehed jaf li ma sarx. Bizzejjed li b'qerq jinholqu cirkostanzi li jistghu jiswew ta' prova kontra persuna, dan biex jwassal li almenu dik il-persuna tigi akkuzata. Senjalament il-ligi hawn titkellem bl-uzu tal-kelma li jistghu jiswew. Certament dan id-dokument wassal u seta jgib mieghu dawn ic-cirkostanzi.

L-original minn naha l-ohra gab mieghu l-htija.

Ghaldaqstant qeghda ssib lil John Vella hati tar-reat ikkontemplat taht l-artikolu 110 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena rat ukoll l-artikolu 101 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, rat ukoll il-Fedina Penali tieghu u inkwatu l-istat tal-istess qeghda tikkundannah ghall-piena karcerarja ta' sena sospiza ghall-sentejn u dan wara li rat l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikolu 109 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema artikolu jaghmilha tassattiv fuq il-Qorti meta ssib htija taht dan is-sub-titolu (ghalhekk applikabbli ukoll htija that l-artikolu 110 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta) illi tapplika espressament il-piena ta' interdizzjoni generali, kif ukoll interdizzjoni milli l-hati jservi bhala xhud, hlief quddiem il-Qrati tal-Gustizzja u bhala perit f'kaz li jkun.

Illi din l-interdizzjoni ghandha tkun ta’ perjodu bejn hames (5) snin sa ghaxar (10) snin fil-konfront ta’ htija taht l-artikolu 108 u minn ghaxar (10) snin sa ghoxrin (20) sena f’kull kaz iehor imsemmi fl-artikoli ta’ qabel ta’ dan is-sub-titolu allura l-artikoli 100 sa 107.

Ghalhekk ghalkemm l-kundanna ta’ interdizzjoni generali hija wahda tassattiva (art 109(1)) biex jigi determinat it-terminu taghha applikabbli ghall-artikolu110, il-Qorti rat l-artikolu 10 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u qeghda tikkundanna lil John Vella ghall-piena ta’ interdizzjoni generali ghal sena, kif ukoll interdizzjoni milli l-hati jservi bhala xhud hlief quddiem il-Qratti tal-Gustizzja u bhala perit, f’kull kaz li jkun.

Tordna wkoll li kopja ta’ din is-sentenza tigi ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-artikolu 10 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------